




INIZJATTIVA TAÇ-ĊITTADINI EWROPEJ

Għodod ta' appoġġ għall-inizjattiva taç-ċittadini ewropej



TGĦALLEM – IDDISKUTI – IKKONNETTJA - FITTEX PARIR

| WERREJ

Għodod ta' appoġġ għall-inizjattiva taċ-ċittadini ewropej	3
Is-sit web tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej	4
Kont tal-Organizzaturi tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej	5
Is-Sistema Ċentrali ta' Ġbir Online tal-Kummissjoni Ewropea	7
Servizz ta' skambju ta' files	9
Il-Forum tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej	10

1

Għodod ta' appoġġ għall- inizjattiva taċ-ċittadini ewropej

Permezz tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, iċ-ċittadini tal-UE jistgħu jsawru t-tfassil tal-politika Ewropea billi jitolbu lill-Kummissjoni Ewropea (il-Kummissjoni) biex tippromovi leġiżlazzjoni dwar materja tal-kompetenza tagħha. Biex jagħmlu dan, l-organizzaturi ta' inizjattiva taċ-ċittadini jeħtieġ li jiġbru dikjarazzjonijiet ta' appoġġ minn tal-inqas 1 miljun ċittadin f'minn tal-inqas seba' Stati Membri tal-UE matul 12-il xahar, b'limitu minimu milhug f'minn tal-inqas seba' pajjiżi tal-UE.

Il-ġbir ta' aktar minn miljun dikjarazzjoni ta' appoġġ miċ-ċittadini tal-UE fl-Unjoni kollha fi żmien 12-il xahar jista' jkun ta' sfida għall-ewwel. Biex tiffaċilita l-ħidma tal-organizzaturi u tgħinhom jirnexxu, il-Kummissjoni daħħlet għodod ta' appoġġ speċifiċi: is-sit web tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, il-Kont tal-Organizzatur tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, is-Sistema Ċentrali ta' Ġbir Online, u l-Forum tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej.



2

Is-sit web tal-Inizjattiva taċ- Ċittadini Ewropej

Is-sit web tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej jipprovdi informazzjoni prattika u fil-qosor dwar x'inhi l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej. Iċ-ċittadini huma ggwidati wkoll dwar kif jirreġistraw inizjattiva. Is-sit web hu wkoll il-punt tad-dħul għall-ħolqien ta' kont tal-organizzatur, li hu meħtieġ biex iċ-ċittadini **jitolbu uffiċjalment lill-Kummissjoni biex tirreġistra l-inizjattiva tagħhom**.

Fil- paġna ewlenija pubblika, tista' **ssib l-inizjattivi li għaddejjin bħalissa udawk li saru fil-passat**. Kull inizjattiva hija elenkata u tista' tiġi mfitxija (b'keywords, bil-qasam ta' politika/kategorija jew bl-istatus tal-inizjattiva). Tista' ssib fejn jinsabu l-inizjattivi fil-proċess tal-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, id-dettalji ta' kuntatt tal-organizzaturi u links għas-siti web tal-inizjattivi rispettivi.

Tista' tgħaddi mill-proċess li torganizza Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej billi żżur it-taqsima pass pass. Il-vjaġġ hu organizzat f'6 passi: (1) Ibda, (2) Irreġistra l-inizjattiva tiegħek, (3) Ikseb appoġġ, (4) Ikseb il-verifika tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, (5) Issottometti l-inizjattiva tiegħek (6) Ikseb tweġiba.

Is-sit web tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej jipprovdi ukoll informazzjoni dwar il-qafas regolatorju ġenerali. Iċ-ċittadini jistgħu jagħtu daqqa t'għajn lejn ir-regoli applikabbli u l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-inizjattivi fil- livell nazzjonali u r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri tal-UE matul il-proċess.

L-aħħar żviluppi dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej jinsabu fil-qosor fil-paġna tal-Aħbarijiet tas-sit web. Il-Kalendarju jagħtik aċċess għal avvenimenti futuri u li għaddew relatati mal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej.



Mistoqsijiet frekwenti

Agħti ħarsa lejn it-taqsima tal-Mistoqsijiet Frekwenti (FAQ) biex issib it-tweġibiet għal madwar 80 mistoqsija li tqajmu fil-passat. L-FAQs ikopru kważi l-aspetti kollha tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (minn kif tibda, kif tiġbor id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u kif tissottometti inizjattiva).

It-taqsima “Xerred il- kelma”

Agħti daqqa t'għajn lejn il-materjal ta' komunikazzjoni disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE li jista' jgħin fil-promozzjoni tal-inizjattiva tiegħek billi jispjega x'inhi l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej. U skopri l-Ambaxxaturi tal-ECI li jgħinu jqarrbu l-informazzjoni dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej maċ-ċittadini.

3

Kont tal-Organizzaturi tal- Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

Is-sit web tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej hu wkoll il-punt tat-tluq għaċ-ċittadini biex iniedu inizjattiva. Biex tagħmel dan, trid tmur fit-taqsimu "Kif tibda inizjattiva", is-sottotaqsimu "Niedi l-inizjattiva tiegħek" u mbagħad ikklikkja "Kont tal-organizzatur". Jekk int utent għall-ewwel darba, trid toħloq kont ġdid tal-"EU login" bl-indirizz tal-email tiegħek (li se jkun viżibbli fuq dan is-sit web ladarba l-inizjattiva tiġi rreġistrata) u timla l-oqsma meħtieġa.

Ladarba tilloggja, se taċċessa l-formola ta' reġistrazzjoni għall-inizjattiva tiegħek. Biex jirreġistraw inizjattiva, l-organizzaturi għandhom jimlew il-ħames passi li ġejjin fil-formola tar-reġistrazzjoni:


1. jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa dwar il-kompożizzjoni tal-grupp ta' organizzaturi;
2. jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa dwar l-inizjattiva li jixtiequ jirreġistraw (lingwa, titlu, objettivi, dispożizzjonijiet rilevanti fit-Trattati tal-UE, informazzjoni addizzjonali);
3. jindikaw kwalunkwe appoġġ u finanzjament, diġà disponibbli meta tkun qed issir ir-reġistrazzjoni jew meta tkun qed issir it-talba għar-reġistrazzjoni;
4. jaċċettaw il-proċeduri u l-kundizzjonijiet u;
5. jeżaminaw mill-ġdid u jissottomettu t-talba għar-reġistrazzjoni.

Għal aktar informazzjoni dwar dan il-pass, irreferi għan-nota ta' gwida dwar Kif Tabbozza u Tissottometti Inizjattiva.



IMPORTANTI

Jekk l-inizjattiva tiegħek tissodisfa r-rekwiżiti kollha iżda mhix f'qasam fejn il-Kummissjoni għandha setgħat, se tirċievi twegħiba fi żmien xahar (1) diġà. Imbagħad ikollok sa xahrejn biex tibgħat il-verżjoni aġġornata lill-Kummissjoni (jew tista' tiddeċiedi li ma tkomplix b'din l-inizjattiva).



Ladarba l-Kummissjoni Ewropea tirreġistra l-inizjattiva tiegħek, l-istatus tagħha jsir "reġistrat" fil-Kont tal-Organizzatur se jidhru aktar għażliet disponibbli għalik. Aktar importanti minn hekk, fil-kont se tkun tista' tara f'liema stadju tal-proċess tinsab l-inizjattiva tiegħek (għbir ta' firem, verifika, eċċ.) u prattikament tista' timmaniġġjaha.

Mill-kont tal-organizzatur tista' tagħmel l-azzjonijiet li ġejjin:

- tirrapporta kwalunkwe fondi addizzjonali u appoġġ li tirċievi;
- tissostitwixxi membru wieħed jew aktar tal-grupp ta' organizzaturi;
- taċċessa d-dettalji kollha tal-inizjattiva tiegħek kif ukoll l-oqsma relatati tradotti mill-Kummissjoni bl-24 lingwa kollha tal-UE;
- tikkuntattja lill-Kummissjoni Ewropea direttament;
- timmodifika d-dettalji ta' kuntatt tal-organizzaturi;
- tikseb statistika;
- tippersonalizza l-paġna tal-għbir tal-inizjattiva tiegħek fis-Sistema Ċentrali ta' Għbir Online;
- tibgħat emails lis-sostenituri kollha tiegħek.



IMPORTANTI

Il-kont jippermettilek ukoll tiġġenera formoli għall-għbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ f'format stampat bil-lingwi kollha tal-UE u għall-Istati Membri kollha. Jekk inti diġà indikajt fil-kont id-data tal-bidu tal-għbir tal-firem, dan se jiġi indikat awtomatikament fil-formoli.

4

Is-Sistema Ċentrali ta' Ġbir Online tal-Kummissjoni Ewropea

Is-Sistema Ċentrali ta' Ġbir Online (COCS) tal-Kummissjoni Ewropea tipprovdi b'numru ta' aspetti li jissimplifikaw il-ġbir tal-firem u tippermettiek timmonitorja l-progress tal-kampanja tiegħek. Is-COCS tippermetti liċ-ċittadini jappoġġjaw inizzjattiva faċilment u tipprovdi lill-organizzaturi b'xi ftit għażliet biex jimmaniġġjaw il-kampanja tagħhom. L-għodda tissimplifika wkoll kemm il-ġbir tad-data kif ukoll il-verifika tagħha mill-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE.


Tista' tagħżel il-formoli tad-dikjarazzjoni ta' appoġġ skont il-lingwa u n-nazzjonalità tal-firmatarji tal-Istati Membri tal-UE. Is-COCS **tiġbor ukoll id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ awtomatikament**, skont ir-rekwiżiti tal-Istat Membru għall-verifika. Is-sistema tipprovdi ukoll bil-possibbiltà li **tesporta d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ** bħala files tad-data biex jintbagħtu direttament lill-awtoritajiet rilevanti għall-verifika. Is-COCS toffri wkoll il-possibbiltà liċ-ċittadini li jappoġġjaw l-inizzjattivi billi jużaw l-eID tagħhom (għaċ-ċittadini tal-Istati li joffru eID skont ir-regolament eIDAS)

Mill-kont tal-organizzatur tiegħek, **tista' tippersonalizza l-paġna tal-inizzjattiva tiegħek fis-Sistema Ċentrali ta' Ġbir Online** u taċċessa l-istatistika tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġbura għal kull pajjiż. Mill-kont tal-organizzatur tiegħek tista' tikkuntattja wkoll lis-sostenituri tiegħek li jkunu ħallew l-indirizzi tal-email tagħhom għal dan il-għan.



Użu obligatorju

Mill-1 ta' Jannar 2023, l-organizzaturi se jkunu jistgħu jużaw biss is-Sistema Ċentrali ta' Ġbir Online.



| Raġunijiet għall-użu tas-Sistema Ċentrali ta' Ġbir Online

- **Preparazzjoni minima** (soluzzjoni turnkey).
- **Bla ħlas.**
- **Ebda ċertifikazzjoni** meħtieġa (is-sistema diġà tikkonforma mal-istandards tekniċi u ta' sigurtà; biex tuża s-sistema, kemm tiffirma ftehim mal-Kummissjoni).
- **Setup rapidu** (biex tuża s-sistema, kemm tinforma lill-Kummissjoni 10 ijiem ta' xogħol qabel ma tibda l-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, permezz tal-kont tal-organizzatur tiegħek).
- F'xi pajjiżi, is-sostenituri tal-inizjattiva tiegħek jistgħu jużaw **identifikazzjoni elettronika** biex jagħtu l-appoġġ tagħhom.
- Is-sistema hi kompletament aċċessibbli għall-persuni b'**diżabbiltajiet**.
- Tista' wkoll tuża s-sistema biex tiġbor **l-indirizzi tal-email tas-sostenituri** (għal komunikazzjoni kontinwa magħhom dwar l-inizjattiva).
- Is-Sistema Ċentrali ta' Ġbir Online se **tkompli tevolvi** u toffri karatteristiċi ġodda.
- Is-Sistema Ċentrali ta' Ġbir Online hi ospitata fil-bini tal-Kummissjoni Ewropea fl-**ambjent sikur ta' hosting tagħha ddedikat għall-immaniġġjar ta' data sensittiva**. L-aħħar patches kollha ta' sigurtà fuq kull komponent tal-applikazzjonijiet jiġu applikati mill-aktar fis possibbli.
- Is-Sistema Ċentrali ta' Ġbir Online **tiżgura kriptaġġ minn tariff sa tariff** bejn il-mument li fih id-data tidħol fl-applikazzjoni sal-mument li tiġi decriptata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru responsabbli għall-verifika tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ.
- It-**teknoloġija** użata għall-kriptaġġ tad-data fis-Sistema Ċentrali ta' Ġbir Online hi bbażata fuq soluzzjoni HSM/KMS b'sors mhux miftuħ li ma setgħetx tiġi offruta fil-kuntest ta' soluzzjoni b'sors miftuħ.

Għal aktar informazzjoni dwar il-fażi tal-ġbir, jekk jogħġbok irreferi għan-nota ta' gwida dwar [Kif Tiġbor il-Firem](#).


5

Servizz ta' skambju ta' files

Is-servizz ta' skambju ta' files jipprovdi inizjattivi li jirnexxu bil-possibbiltà li **titttrasferixxi d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġbura għalihom direttament lill-Awtoritajiet Nazzjonali** għall-verifika wara li jkun intemm il-ġbir. Dan jista' jsir b'applikazzjoni waħda għall-awtoritajiet tal-Istati Membri kollha.

Is-servizz jippermetti l-iskambju ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ elettroniċi kif ukoll verżjonijiet stampati skennjati. Dan is-servizz jissimplifika l-interazzjoni bejn l-organizzaturi u s-27 Stat Membru. Trid **tinforma lill-Kummissjoni fi żmien xahrejn mit-tmiem tal-perjodu ta' ġbir** jekk tixtieqx tapplowdja d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġburin fuq formola stampata bl-użu ta' din is-sistema.

Il-Kummissjoni Ewropea tipprovdi lill-organizzaturi b'għodda ta' kriptaġġ. Din l-għodda tiżgura protezzjoni sħiħa tal-privatezza tal-firmatarji meta jissottomettu d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ. L-organizzaturi jistgħu jikkriptaw il-files rispettivi qabel japplowdjawhom, sabiex l-awtoritajiet tal-Istati Membri biss ikunu jistgħu jaċċessaw id-data.



6

Il-Forum tal-Inizjattiva taċ- Ċittadini Ewropej

Il-Forum tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej hu pjattaforma diġitali kollaborattiva online li tipprovdi appoġġ prattiku lill-organizzaturi matul il-vjaġġ tal-inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej. Il-Forum joffri informazzjoni, għajnuna u għodod kollaborattivi f'erba' taqsimiet differenti: "Tgħallem", "Iddiskuti", "Ikkonnettja" u "Fittex Parir". Il-Forum hu disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

| Tgħallem

It-taqsimi "Tgħallem" tipprovdi tipi differenti ta' informazzjoni lil organizzaturi potenzjali u attwali biex tiffaċilita r-reġistrazzjoni u l-implimentazzjoni ta' inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej f'termini ta':

- Kif tiġbor il-frem
- Kif tabbozza u tissottometti inizjattiva
- Kif tfittex għas-sħab
- Kif torganizza kampanja
- Kif tiġbor il-fondi

Il-materjal tat-tagħlim huwa pprovdut fil-forom ta' noti ta' gwida, stejjer ta' suċċess, webinars u videos.

In-noti ta' gwida jiġbru fil-qosor l-aspetti l-aktar importanti ta' suġġett rispettiv b'mod konċiż u komprensiv. Dawn huma pprovduti bħala dokumenti pdf, li huma faċli biex jiċċirkolaw fi fñdan in-network tiegħek, u huma disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

L-istejjer ta' suċċess inħolqu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-organizzaturi ta' inizjattivi ta' ċittadini Ewropej li rnexxew. Iċ-ċittadini jistgħu jitgħallmu dwar l-istrategġiji, l-isfidi, it-tagħlimiet misluta u l-esperjenzi tal-organizzaturi meta jimplementaw l-inizjattivi tagħhom. L-istejjer ta' suċċess huma disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

Il-webinars huma miftuħa għall-pubbliku u jinkludu kelliema speċjalizzati fi kwistjonijiet speċifiċi relatati mal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej. Il-webinars tal-Forum huma interattivi



u jipprovdu l-possibbiltà lill-parteċipanti li jistaqsu mistoqsijiet. Ir-reġistrazzjonijiet u l-preżentazzjonijiet huma disponibbli fuq il-paġni tal-webinar rispettivi. Iċċekkja l-paġna “Tgħallem” biex tibqa’ infurmat dwar webinars futuri. Il-lingwa ta’ ħidma tal-webinars hija l-Ingliż, u l-webinars kollha huma bla ħlas.

Il-**Videos** applowdjati huma jew testimonjanzi bil-video minn ex-organizzaturi jew videos ta’ spjegazzjoni li jipprovdu aktar informazzjoni dwar suġġett speċifiku jew l-Inizjattiva taċ-Ċittadini b’mod aktar ġenerali.

| Iddiskuti

It-taqsima “Iddiskuti” tiffaċilita l-iskambji tiegħek ma’ ċittadini oħra dwar suġġetti relatati mal-Inizjattiva taċ-Ċittadini. Dawn l-iskambji jistgħu jkunu opportunità biex tittestja ideat għal inizjattiva speċifika taċ-ċittadini Ewropej. It-taqsima “Iddiskuti” hi għodda utli ħafna biex issir taf aktar dwar il-ħsibijiet u l-opinjoni ta’ sħabek iċ-ċittadini dwar l-idea tiegħek. Xi diskussjonijiet ikopru wkoll mistoqsijiet proċedurali dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej. Id-diskussjonijiet jiġu ċċekkjati b’mod regolari mill-moderaturi tal-Forum li jistgħu jipprovdu feedback, fejn xieraq.

| Ikkonnettja

It-taqsima “Ikkonnettja” tippermettilek tikkonnettja direttament ma’ ċittadini bħalek tal-UE – abbażi tal-interessi u l-pajjiżi ta’ residenza tiegħek.

Ftakar li biex tibda inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej, irid ikollok minn tal-inqas seba’ ċittadini tal-UE li jgħixu f’seba’ Stati Membri differenti. Fit-taqsima “Ikkonnettja” tista’ ssib is-sieħeb tiegħek!

| Fittex Parir

It-taqsima “Fittex Parir” tipprovdi pariri mfassla apposta dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej u l-aspetti legali tagħha, dwar il-kampanja u l-ġbir tal-fondi.

Tista’ tissottometti mistoqsija bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-UE u tirċievi parir espert bil-lingwa tal-mistoqsija tiegħek f’mhux aktar minn tmint ijiem tax-xogħol wara s-sottomissjoni.

